# GESU' IL-BNIEDEM LI SOFRA.

Xi tbatijiet jezistu fid-dinja?

Ejjew insemmu ftit mill-lista li ma tispicca' qatt ta' sofferenzi:



Tara li zewgek jitlef ix-xoghol tieghu

Imut ftit ftit missierek bil-marda tal-cancer

Tiehu hsieb tifel marid ghal tmin snin

Tiehu hsieb anzjan / anzjana li ma jistax igawdi id-dawl ta' ghajnejh

Tghaddi minn snin ta' faqar

Tara lil xi hadd min uliedek jahrab mill-imhabba t'Alla

Issofri li ma ghandekx ulied

Tehel minn ezami wara li tkun studjajt

Ixerrdu l-gideb fuqek……………….u l-lista tkompli titwal u titwal…………

Il-hajja hija mghodija difficli u ghal xi uhud tista' tkun iebsa u iebsa tassew. U jekk ma hiex issa tista' tkun 'l quddiem meta nhabbtu wiccna ma' diversi problemi. Is-sofferenza tghallmek biex thobb lil Mulej b'mezzi li qatt ma hlomt bihom.

Gesu' jaf xi tfisser tbati u jaf ukoll it-tbatijiet taghna. Huwa diga' sofra kull tbatija, dieqa u wegghat li nistghu nimmaginaw u hafna u hafna aktar. Huwa sejjah lilu niffsu bhala l-bniedem tad-dulur ghax kien jaf x'inhu li tbati.

Fil-lejl li fih kien arrestat, is-Salvatur taghna mar fil-gnien taz-Zebbug. Hemm staqsa lil Pietru u z-zewgt ahwa ta' Zebedew biex jistennewh sa ma jmur jitlob. Il-Vangelu jghidilna li fuqu beda' jhoss dieqa liema bhala u lil appostli qalilhom: "Ruhi hija mdejqa ghall-mewt . Oqghodu ishru ftit mieghi."

Luqa jikteb li minn Gesu' hareg gharaq u gharaq tad-demm hekk kif huwa beda jsofri ghal dnubietna. Qatt ma nistghu nifhmu il-fond ta' din is-sofferenza, imma nafu li sofra dan kollu ghax jhobbna. Qalilna: " Imhabba akbar minn din ebda bniedem ma ghandu hlief meta jhalli hajtu ghal hbiebu."

Inti tista ma tifhimx it-tbatijiet tieghi u jiena nista' ma nifhimx tieghek izda Kristu jifhem it-tbatijiet taghna ilkoll, huma x'huma. Diga ghadda minn esperjenza. X'konfort u konsolazzjoni nhossu meta nifhmu din il-verita! Qatt ma ahna wahedna.

Pawlu jghidilna li ahna attakkati minn kull naha izda ma ahniex mirbuha, imhawda izda mhux iddisprati, persegwitati izda mhux abbandunati, maghffgin izda mhux meqruda… Ghalhekk naghmlu l-qalb. Minkejja li ninsabu bla sahha minn barra, madankollu ahna qed niggeddu kull jum li jghaddi minn fuqna. Ghaliex it-tbatijiet u l-inkwiet li nghaddu minnhom qed ikunu mezz biex ihejjulna glorja eterna li bil-wisq tghaddi t-tbatijiet kollha taghna. Ghalhekk nitfghu ghajnejna mhux fuq dak li naraw izda fuq dak li ma jidhirx. Ghaliex dak li jidher hu temporali u dak li ma jidhirx hu etern.

Pawlu ghaddha minn hafna tbatija izda sab il-paci ghaliex tefa' harstu fuq Gesu' u l-glorja eterna li kienet qed tistennieh. Hekk kif il-fidi taghna tissahhah f'Gesu' niskopru li Kristu jkun maghna kemm fil-jiem it-tajba kif ukoll fil-jiem il-hziena. Hu jhobbna u jifhimna. Forsi din ma hiex ahbar tajba.?